# Dun Karm
# u l-Ġrajja ta' l-Innu Malti

**Kitba ta' Toni Cortis**



*Il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila li kien ukoll soċju u aktar 'il quddiem President Onorarju tal-Każin San Filep. Ritratt awtografat, li jinsab fl-arkivju tal-każin.*

L-Innu Malti kien wieħed mill-ewwel innijiet li Dun Karm kiteb bil-Malti. B'dana kollu ma kienx l-uniku wieħed li kiteb; matul il-karriera poetika tiegħu kiteb għadd ta' innijiet għall-għaqdiet u għall-patruni ta' bliet u rħula. Fl-istess żmien li kiteb l-Innu Malti, kiteb ukoll l-"Innu ta' Filgħodu" u l-"Innu ta' Filgħaxija" (1923), l-"Innu lil Qalb ta' Ġesù" (1923) u ftit wara l-"Innu Popolari lil San Filippu t'Aġġira" (1924).

Kull meta tinkiteb biċċa mużga vokali u strumentali, ikun innu, kanzunetta jew opra, l-ewwel li jinkitbu huma l-versi, il-poeżija, jew kif jgħidulha il-lirika u wara tinkiteb il-mużga. Hekk ġara fl-innijiet li semmejt tneħħi l-Innu Malti. Fil-każ ta' l-Innu Malti l-ewwel inkitbet il-mużga imbagħad il-kliem.

B'xorti tajba nafu kif ġraw l-affarijiet għax kitibhom Dun Karm innifsu u ppublikhom f'"Il-Berqa", gazzetta bil-Malti li kienet toħroġ kuljum. Dun Karm jirrakkonta kif darba waħda mar fuqu Dr. Laferla, Direttur ta' l-Iskejjel Elementari, tah karta bi ftit noti tal-mużga u qallu li kien tahielu Robert Samut u xtaqu jiktiblu ftit versi għal magħhom biex ikantawhom it-tfal ta' l-iskejjel. Dun Karm ikompli jgħid kif mar id-dar fejn kien joqgħod fi Strada Forni il-Belt u filwaqt li beda jdoqq fuq il-pjanu dak il-motiv ta' Samut ipprova jgħaqqad il-kliem miegħu … u kif nibtet fih ix-xewqa li jikteb Innu Nazzjonali f'għamla ta' talba lil Alla biex jagħti is-sliem u l-għaqda fost il-Maltin.

Dan l-innu – versi ta' Dun Karm u mużika ta' Robert Samut tkanta għall-ewwel darba fis-27 ta' Diċembru 1922, ħamsa u tmenin sena ilu u reġa' tkanta fl-Epifanija ta' l-1923 waqt serata mtella mill-għalliema immexxija minn Dr. Laferla. Fl-ewwel rappreżentazzjoni kien hemm preżenti Lord Plumer u martu. Il-programm kien twil mhux ħażin għax kien jinkludi "The Tempest" ta' Shakespeare, Fairy Operetta, kummiedja bit-Taljan u jagħlaq bl-Innu Malti. Hekk kif instama, l-udjenza riedet ittir bil-ferħ, infexxet iċċapċap u talbu li jerġa jinstema. U hekk kif reġa tkanta kulħadd qam bil-wieqfa. Ma nafx kif seta jkollu laqgħa isbaħ minn din.

U l-innu kompla jinstema 'l hemm u 'l hawn. Daqqitu s-Soċjetà Mandolinistika tal-Birgu

u kantawh it-tfal ta' l-iskola tal-bniet fit-Teatru Manoel fi Frar 1923. Kellu jitkanta ir-Rabat fit-Teatru Adelphi fis-7 ta' Mejju 1923. Nafu li daqqitu wkoll il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar. Dun Karm kien isegwi dawn l-okkażjonijiet fejn jindaqq l-Innu Malti u x'aktarx li mhux dejjem kien kuntent bl-interpretazzjoni li jkun sama'. Għalhekk darba daħal il-każin tal-King's Own – bieb u għatba mal-Biblioteca fejn kien jaħdem dak iż-żmien – sab lis-surmast Vincenzo Ciappara – ir-re tal-marċi – u ħajjru jistrumentah għal banda. Ciappara hekk għamel u l-King's Own daqqitu l-ewwel darba fil-festa tal-Vitorja fl-1936.

"Dan l-aħħar", spiċċa l-istorja Dun Karm, "il-Gvern iddikjarah uffiċjalment bħala "Innu Malti" bid-dmir li kull banda ġo Malta li ddoqq programm fil-pubbliku għandha ddoqq ma l-innu "God Save" l-Innu Malti.



***It-Tabib Robert Samut li kiteb il-mużika ta' l-Innu Malti.***

L-"Innu Malti" inkiteb fl-1922 u sentejn wara inkiteb l-"Innu Popolari lil San Filippu t'Aġġira". Fiż-żewġ innijiet Dun Karm jitlob is-sliem, l-imħabba u l-għaqda fost il-poplu Malti. Fl-Innu Malti jikteb "Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-Sliem", u fl-Innu Lil San Filep: "Żomm il-għaqda, żomm l-imħabba ġewwa qlub iż-Żebbuġin". nawgura li t-talba ta' Dun Karm titwettaq.

U hekk ġara.

Joqrob dan iż-żmien tas-sena, qlubna jintlew b'ferħ aktar mis-soltu għax il-festa ta' San Filep tqanqal fina sentimenti sbieħ. Kieku l-ħitan tal-knisja kellhom jitkellmu min jaf xi stejjer sbieħ kienu jgħidulna tal-ferħ li jħossu ż-Żebbuġin meta jinġabru bi ħġarhom fit-tempju u jingħaqdu biex flimkien iqimu u jfaħħru l-patrun San Filep.

Matul iż-żminijiet saru taqlibiet kbar fil-ħajja ta' pajjiżna u tar-raħal tagħna, imma r-rabta ta' mħabba ma' dan il-qaddis qatt ma ġiet nieqsa u hekk nixtieqy li tibqa' għall-ġejjieni. Missirijietna għażluh bħala patrun tal-poplu Żebbuġi u aħna din il-għażla mhux biss naċċettawha iżda nsaħħuha ma kull sena li tiġi u tgħaddi. Inżiduha u nkattruha xejn anqas mill-aspett reliġjuż tagħha. Kienet il-fidi li ressqet lil missirijietna lejn dan il-qaddis għax fih raw appostlu li ta kull ma kellu lil Ġesù biex ixandar il-kelma tiegħU.

Kull festa isimha magħha hija espressjoni ta' ferħ. Iżda l-festa tagħna hija wkoll festa reliġjuża u dan l-aspett tal-festa għandna nżommuh sħiħ u ma nħalluhx jonqos. Għandna nħallu 'l Alla jmexxina u jħarisna tul ħajjitna kollha – u dan permezz ukoll ta' San Filep.

Id-dilettanti tal-futbol jifirħu meta it-tim tagħhom jirbaħ u jagħmlu festa meta jirbaħ xi unur. Bħala nsara nesprimu l-ferħ tagħna għar-rebħa kbira li ġab il-qaddis tagħna fuq is-setgħat tal-ħażen. Fuq l-eżempju u xejn inqas bl-interċessjoni tiegħu nittamaw li jwassalna għall-istess rebħa.